MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Numru. 528/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jemond Borg)**

**Vs**

**Twanny Buttigieg ta' 28 sena, bin Spiridione u Carmen nee` Vella, imwieled Pieta` fil-5 ta' Marzu, 1982, u joqghod fil-fond: Nru. 199, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla jew Nru. 38, "Fuq Verdala", Bormla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 152182(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Twanny Buttigieg li:

A) gie akkuzat talli bejn l-14 u l-15 ta' Marzu, 2010, ghal habta ta' l-10.00 ta' bil-lejl, ikkommetta serq ta' subwoofer tad-ditta Kenwood, bin-numru tas-serje : KFC-

WFZ55, kif ukoll zewg speakers tad-ditta Pioneer, bin-numru tas-serje: TS-A2010 minn vettura ta’ l-ghamla Suzuki, mudell Swift, bin-numru tar-registrazzjoni: DAS-668,li kienet tinsab ipparkeggjata f’Misrah Santa Margerita`, gewwa Bormla, liema valur jammonta ghal aktar minn 233 ewro, ghad-dannu ta’ Sandro Degabriele u persuni ohra, u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa.

B) U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin u lokk ikkawza hsara volontarja fuq il- vettura ta’ l-ghamla Suzuki, mudell Swift, bin-numru tar-registrazzjoni: DAS-668,li kienet tinsab ipparkeggjata f’Misrah Santa Margerita`, gewwa Bormla, liema hsara teccedi l-116.47 ewro izda mhux izjed minn 23.29 ewro, ghad-detriment ta’ Sandro Degabriele minn Bormla u persuni ohra.

U aktar talli sar recidiv ai terminin ta’ l-art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tas-27 ta’ Mejju, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacih ghal dak illi ghamel.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 261(b)(f)(g), 49, 50 u 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lill-imputat taght ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kondizzjonijiet impost f'din l-Ordni ta' Probation jew jekk jonqos li jsegwi l-ornijiet mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------